



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2011/2192(INI)

9.2.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar l-impatt fuq l-għoti ta' għajjnuna tad-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-għajjnuna esterna tal-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali tagħha għad-delegazzjonijiet tagħha
(2011/2192(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ivailo Kalfin

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' r-rapport komprensiv ħafna u analitiku mħejji mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll il-kalendarju eċċellenti tal-valutazzjoni tar-riżultati tad-devoluzzjoni;
2. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-QEA li d-devoluzzjoni wasslet għal żieda fil-ħeffa tat-twassil, titjib fil-kwalità u ġestjoni finanzjarja mtejba tal-ġhajjnuna; jirrimarka, madankollu, li għad fadal nuqqasijiet fis-sistema ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni tagħmel aktar sforzi intensifikati biex issolvi dawn in-nuqqasijiet u jissuġġerixxi li l-Qorti tkompli tissorvelja numru ta' delegazzjonijiet fuq bażi annwali biex tara jekk dan it-titjib ikomplex;
3. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tikkomplementa l-kriterji u ssaħħaħ il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-proġetti ffinanzjati biex iżżid il-kwalità tal-ġhajjnuna u tkompli tnaqqas in-numru ta' proġetti li ma jiksbox riżultati tajbin; jinnota li l-impatt tal-infiq fuq ġhajjnuna huwa ta' importanza fundamentali għall-Parlament;
4. Jinnota li, f'applikazzjoni tar-regola D+3, 6 % tal-impenji fil-baġit disponibbli għall-2006 ma kinux ikkuntrattati sal-2009 u għaldaqstant intilfu; jitlob li dan il-perċentwal jitnaqqas, u jixtieq ikun infurmat bil-perċentwali u l-ammonti rilevanti għall-2010 u l-2011;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-promozzjoni tal-konsultazzjoni lokali, fejn ikun possibbli, meta tiddeċiedi dwar proġetti ta' ġhajjnuna u meta tissorvelja l-progress tagħhom;
6. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tegħleb id-dgħufijiet tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll, notevolment fil-livell ta' delegazzjonijiet kif indikat mill-Qorti; jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-kumitati kompetenti tal-Parlament sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2012 dwar il-miżuri li tkun ħadet;
7. Jesprimi tħassib dwar il-problemi persistenti bil-persunal involut fil-politiki tal-ġhajjnuna; jemmen li r-rata għolja ta' bdil tal-persunal fid-DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid u n-nuqqas ta' persunal bi kwalifiki xierqa fid-delegazzjonijiet għandu jiġi indirizzat mingħajr dewmien; jilqa' l-ftehim bejn il-Kummissjoni u s-SEAE tal-20 ta' Diċembru 2011¹ dwar il-kooperazzjoni fid-delegazzjonijiet bil-ħsieb li tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-ġhajjnuna; jistenna li s-SEAE żżomm lill-Parlament infurmat bil-progress rigward il-miżuri kkonċernati u l-eżitu tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li ddaħħal kuntratt speċifiku għall-persunal lokali – bil-ħsieb li toffrilhom kundizzjonijiet aħjar, ittejjeb iż-żamma tagħhom, tagħmel użu aħjar mill-esperjenza miksuba u toffri taħriġ aħjar u aktar xieraq – ħaġa li taf toffri rimedju għal numru ta' nuqqasijiet innutati mill-Qorti;

¹ Ares(2011)1392088.

8. Jinnota l-kritik¹a mill-Qorti tal-Awdituri tal-arranġamenti ta' ħidma bejn il-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tagħha għall-ġestjoni tal-ġajnuna esterna; jitlob li jsir eżami tal-proċessi kkonċernati u li jkun hemm simplifikazzjoni bil-ħsieb li titnaqqas il-burokrazija interna, b'rapport lill-Parlament;
9. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tirrikjedi li d-delegazzjonijiet iwettqu sistematikament żjarat ta' sorveljanza teknika u finanzjarja lill-proġetti u tiffoka s-sistema ta' rappurtar intern iktar fuq ir-riżultati miksuba mill-interventi ta' ġajnuna;
10. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-parteċipazzjoni attiva tad-delegazzjonijiet, tanalizza u tidentifika possibiltajiet għall-inċentivazzjoni tal-programmi ta' ġajnuna fil-pajjiżi sħab bl-involviment tal-BEI u tal-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali Ewropej li jiffinanzjaw l-iżvilupp.

¹ Ara r-Rapport Speċjali Nru 1/2011 tal-QEA, Dijagramma 1.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	9.2.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Andrea Češková, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Ville Itälä, Iliana Ivanova, Jan Mulder, Eva Ortiz Vilella, Crescenzo Rivellini, Bart Staes, Georgios Stavrakakis, Michael Theurer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Zuzana Brzobohatá, Lucas Hartong, Edit Herczog, Ivailo Kalfin, Olle Schmidt, Derek Vaughan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Salvador Garriga Polledo